MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2011

Numru. 171/2004

**PULIZIJA**
**SPETTUR IAN J ABDILLA**
**VS**
**CARMELO VELLA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Carmelo Vella ta’ 39 sena iben Alfred u Teresa nee’ Mizzi, imwieled tal- Pieta’ fil-13 ta’ Gunju 1964, residenti fl-indirizz: Blk G, Fl5, Triq il-Lellux, Santa Lucia. Detentur tal-karta ta’ l-identita numru 319064M .

Hu akkuzat talli :

Fid-29 ta’ Frar 2004, u fi zminijiet ta’ qabel, f’dawn il-gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijeit differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, ircieva minghand George Vella u

Spiru Vella xi weghda li jinghata lilu jew lil ohrajn, bil-korrispittiva ghal xi self, imghaxijiet, jew xi qliegh iehor taht liema ghamla li jkun ,b’eccess minn dak li jkun permess bil-ligi.

U aktar talli b’hekk sar recediv ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gejt ikkundannat b’sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti l-atti kollha tal-kas;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (fol 14) u dak tal-imputat a fol 8 sabiex il- kas jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Mill- provi tal-Ispettur Joseph Cordina (fol 9 et seq) jirrizulta illi huwa inghata struzzjonijiet sabiex ikompli l-investigazzjoni fuq l-imputat dwar allegazzjonijiet li kien qed isellef flejjes b’imghaxxijiet ezorbitanti.

Illi ghalhekk l-imputat gie investigat u irilaxxa stqarrija Dok JC1 (a fol 15 – 16). F’ din l-istqarrija, l-imputat iddikkjara li kien isellef flus lil terzi, kien izomm nota ta dawn fi djarju appositu u ikkonsenja dan id-djarju lil Pulizija (ara l-esebit JC3).

Mistoqsi rigward imghaxxijiet, l-imputat irrisponda illi aktar milli kien jesigi l-mghaxxijiet, kienu il- klijenti li joffrulu dawn minn rajhom. Mill-istqarrija jirrizulta illi : l-imputat kien ghamel self lil Lorry Portelli f’ammont ta erba mitt lira (LM 400) b’ imghax ta Lm 50;

self lil Gorg Vella sitt elef lira Lm 6000 – maqtugha l-ahhar zero biex is-somma tidher
Lm 600 liema korrezzjoni saret fit-18 ta Awissu 2003. L-imputat fetah *joint bank account* ma George Vella sabiex "meta tidhol il-paga ( ta George), konna mmorru t-tnejn flimkien u jien niehu sehmi u hu jiehu l-kumplament tal-paga." L-imputat stqarr illi George Vella zebghalu il-faccata tad-dar.

L-imputat stqarr illi kien sellef lil Salvu Bellotti is-somma ta erbat elef sitt mija u disghin lira (LM 4690) u li Bellotti kien fadallu jtih erbgha mija u disa u sittin lira (LM469). Fil-fatt kien irrediga kuntratt ghand nutar. L-imputat stqarr illi Spiru Vella kien ser jixtrilu television u li l-ahhar self li kien ghamel kien ta mitt lira (Lm 100) f' Novembru 2003 u hallsu fil- 23 ta Jannar 2004. L-imputat stqarr illi kien sellef seba mija u hamsin lira (LM 750) lil certu Marija minn Bormla u hadilha LM 150 imghax.

L-Ispettur Joseph Cordina esebixxa JC4 u JC5 zewg kontijiet tal- bank, u hmistax il- *withdrawal slips* tal- Bank of Valletta esebiti bhala Dok JC(A sa O). In kontro ezami l-Ispettur Cordina ikkonferma illi l-investigazzjoni bdiet fuq rapport ta George Vella, li hass ruhu mhedded. L-Ispettur Cordina ikkonferma li l-imputat kien gablu d- djarju minn rajh.

PS Ivan Cilia a fol 20 ikkonferma l-istqarrija tal-imputat u gharaf id-djarju l-esebit JC3.

George Vella xhed a fol 25 et seq. illi kien sar jaf lill-imputat bhala habib u kien issellef madwar elf lira (LM1000) f' ammonti zghar. George Vella xhed illi l-imputat kien ipprezenta hlas ta mija u hamsin lira (Lm 150) ghall- kull mitt lira (Lm100) li jsellef. George Vella xhed illi kien spicca ihallas lil imputat fuq medda ta sitt snin, madwar sebat elef lira (Lm 7000) ghal elf lira li kien issellef minn ghandu. Apparti dana kollu,George Vella xhed li kien bajjadlu zewg fondi, wiehed f' Rahal il-Gdid u iehor f' Santa Lucia u bajjad faccata ta' fond iehor f'Bugibba bla hlas u minghajr tnaqqis fl-imghaxijiet dovuti.

PS 130 Ivan Cilia ezebixxa l-esebit JC3, djarju illi kien tah l-imputat li fih kien irregistrat l-ammonti ta flus illi kien sellef lil terzi; PS 130 ikkonferma l-istqarrija tal- imputat Dok JC1.

A fol 32 et seq, George Vella, fit-tieni testimonjanza tieghu, xhed illi il-*Bank Slips* ezebiti a fol 22 kienu juru illi huwa kellu *joint bank account* mal-imputat, u li l-imputat kien jehodlu nofs il-paga. Illi di piu George Vella ezebixxa DOK X illi juri illi meta kien il-habs, l-imputat sarraf *cheque* ta George Vella billi ipprezenta ruhu flimkien ma missier George Vella.

Paul Gambina, a fol 38, Manager mal- Bank of Valletta, xhed illi ma kienx hemm *joint Bank account* f'isem l-imputat u George Vella u kellu jaghmel ricerki ghal *visa card account* b' zewg firmatarji.

Yvonne Zarb Cousin a fol 40 et seq. xhedet li kienet tahdem mar-*Rinella Film Facilities* u xhedet li George Vella kien jahdem maghha u jithallas paga normali. Hija kkonfermat illi kien hemm okkazzjoni fejn il-paga ta George Vella giet moghtija lil persuna ohra li ffirmat ghaliha u ikkonfermat Dok X (fol 35) illi juri dan kollu.

Paul Gambina riprodott a fol 45 u 46 gie mitlub jaghmel ricerka fuq il-***joint saving account*** li jidher f'DokJC5 a fol 19.

Spiridione Vella, missier George Vella, a fol 47 xhed li **qatt** ma kien issellef flus minn ghand l-imputat.

Muri d-djarju Dok JC3, fil-pagna ta 12 ta Jannar, li tindika **"self lil Spiru Vella, missier George", Spiru Vella jammetti li kien sellef l-ammonti indikati f'dan id-djarju minn ghand l-imputat.** Hu xhed illi kellu jaghti lil imputat disa mitt lira Lm900 u fuqhom. Huwa qal li kien ihallsu bi pagamenti ta sittin lira (Lm60) fix-xahar u li kien ilu jaghmel dawn il- pagamenti ghal xi sena, pero seta kien ammont akbar, il ghaliex ma kienx izomm amment. **Ftit aktar tard ighid li kien inizzel kollox fi ktieb li ntrabat li jezebixxi (ara fol 50), liema ktieb qatt ma gie prodott**.

Joseph Borg Cardona a fol 59 ezebixxa *joint saving account* ta George Vella u l-imputat Carmelo Vella (account No 16510032015) Dok BC1 sa BC4 flimkien ma *saving accounts* ohra f'isem George Vella biss.

**Il- *joint saving account* Dok BC1 infetah fit- 21 ta Gunju 2000**. Gie stabilit illi kien hemm bzonn il-firma **taz-zewg firmatarji** biex jingibdu l-flus minn dan l-account. (a fol 62)

Spettur Joseph Cordina a fol 84 esebixxa il-fedina penali ta GeorgeVella.

George Vella a fol 102 et seq. xhed li **kien issellef elf lira (LM 1000) minn ghand l-imputat** ghaliex kellu d-dejn ma certu George Mizzi. Goerge Vella xhed li kien hemm zmien meta l-imputat kien jitimghu il ghaliex kien fil-bzonn il-flus. Vella xhed li minkejja li kien issellef **elf lira (Lm1000) minn ghand l-imputat biex ihallas id-dejn li kellu ma terzi**; meta ha l-flus, **nefaqhom u ma hallas lil hadd.**

George Vella xhed li kien hallas lil imputat zgur **madwar sitt elef lira (Lm 6000).** Vella xhed li kien hadem sentejn fl-lukanda u l- paga kienet tidhol *f'joint account* u l**-imputat kien jiehu mija u hamsin lira (Lm150) mill-paga tieghu kull xahar u dana ghal perjodu ta sentejn**. Vella ikkonferma li **kien bajjad tlett postijiet ghal imputat**. **Vella ammetta li kellu jaghti il-flus lil diversi nies. Kien ihallas id-dejn li kellu ma terzi, mill-flus li kien jissellef minghand l-imputat.**

George Vella xhed illi minkejja l-flus kollha li kien ta lil imputat, l-imputat kien ghadu jippretendi illi kellu jiehu minghandu, **is-somma ta tnax il elf lira (Lm12000) ohra** . Kien ghalhekk illi mar jaghmel rapport d- Depot tal-Pulizija.

Spiru Vella a fol 115 et seq. xhed li huwa **qatt** ma ghamel rapport lil Pulizija fuq l-imputat u li kien hallas dak kollu dovut. Spiridione Vella xhed illi huwa kien hallas lil imputat

ghal flus flus li l-imputat kien sellef lil ibnu George. (ara fol 117). Spiridione Vella xhed li kien hallas LM 60 fix-xahar u li ghamel dan ghal perjodu ta sena. Kien hallas lil imputat ukoll is-somma ta erba mitt lira (LM400) li kienet taghtu bintu u ghalhekk **jidher illi kien hallas total ta elf mija u ghoxrin lira (Lm1120).**

George Vella a fol 121 sostna li kien dam jhallas lil imputat ghal sitt snin, tnejn minnhom kien jahdem fil-lukanda. Huwa sostna li l-imputat kien sellfu ammonti zghar ta flus kull xahar u dawn kien jhallashom flimkien mal-pagament ta mija u hamsin lira Lm 150 kull xahar. Huwa xhed li l-elf lira Lm1000 kien issellifhom qabel is-sena elfejn 2000.

George Vella ddikkjara li missieru, sabiex ighinu, gieli isellef minn ghand l-imputat. Ikkonferma wkoll lu missieru, ghal bzonnijiet tieghu, gieli ukoll ssellef minghand l-imputat

**Spiridione Vella xhed illi s-self minn ghand l-imputat kien sehh xi sbatax (17) - il sena ilu.**
Carol Calleja ma kienx f'pozizzjoni jaghti l-informazzjoni rikjesta stante li ma giex muri id- dokumentazzjoni necessarja.

Spettur Ian Abdilla ezebixxa il-fedina penali ta Spiru Vella u GeorgeVella bhala Dok IAX1 u 2.

Ikkonsidrat:

Illi mill-assjem tal-provi, jidher evidenti illi s-self lamentat minn Spiridione Vella u George Vella sehh certament qabel is-sena elfejn 2000 . Fil-fatt jirrizulta mid-dokumenti bankarji prodotti mill-ufficjali gholja tal-banek, illi l- ***joint saving account bejn l-imputat u George Vella,*** infetah fil- 21 ta Gunju 2000 u nghalaq f'14 ta Jannar 2002. Illi x-xhieda ta George Vella, in oltre hija xhieda inkonsistenti u impreciza u johrog car illi minkejja li f'nifs wiehed George Vella jishaq illi huwa issellef biss is-somma ta elf lira, b'nifs iehor jammetti illi huwa kien midjun ma ammont konsiderevoli ta nies u li ma kull pagament li kien ihallas lil

imputat, kien jerga jissellef ammont iehor biex ihallas lil terzi. Illi ghalhekk l-uniku prova konkreta hija dik illi hija raprezentata mill- *withdrawal slips* Dok JC6 (a) sa (o) li jinsabu a fol 22 tal-process u ix-xhieda ta Paul Gambina u b'mod aktar relevanti it-testimonjanza ta Joseph Borg Cardona a fol 59 et seq. Illi din x-xhieda dokumentari u viva voce issammar is-self u l-hlas ghal perjodu ta Gunju 2000 sa l-14 ta Jannar 2002 meta dan il-joint account inghalaq. (vide Dok BC4 a fol 67.)

Illi di piu , mix-xhieda inkonsistenti ghal ahhar ta Spiridione Vella, jidher ukoll illi s-self minn ghand l-imputat, allegatament b'imghax ta hamsin fil-mija 50**% sehh sbatax (17) –il sena ilu .**

**Illi ir-reat li bih jinstab mixli l-imputat u cioe' dak mahsub taht l-Artikolu 298C tal- Kap 9 <u>dahal fis-sehh f'Marzu tat-2002.</u>**

Illi ghalhekk, anki fl-ahjar ipotezi fejn x-xhieda ta Spiridione Vella u George Vella tigi konsidrata bhala veritiera u konsistenti, konkluzjoni li din il-Qorti ma tista qatt tasal ghalija, jirrizulta illi l-allegat l-uzura sehhet **<u>qabel</u>** ma gie promulgat ir-reat taht Artikolu 298 ( C) Kap 9.

Illi di piu l-imputat ma giex mixli bir-reati sussidjarji taht l-Att Dwar L-Istituzzjonijiet Finanzjarji, Att XX 11 tan-1994.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti ssib lil imputat mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------